MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 96/2009

**Link School of Languages Ltd (C-14840)**

**vs**

**Simon Mamo proprio u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' 'Simon Mamo Letting' u skond digriet tas-26 ta' Mejju 2009 gie kjamat in kawza Harold Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra** li s-socjeta attrici qed taghmel TALBA biex il-konvenut, fil-kwalita' ndikata jghid ghaliex m'ghandux jigi kundannat jirrifondilha s-somma ta' erba' mija, hamsa u sittin Euro sebgha u tmenin centezmi (€465.87) rapprezentanti depozitu ta' kera, bilanc minn somma akbar, imhallas lill-konvenut fil-11 ta' Mejju 2007, liema bilanc baqa ma giex rifuz minkejja t-terminazzjoni tal-kirja u minkejja interpellazzjonijiet anke b'ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2008.

Bl-imghaxijiet u spejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

**Ra** r-RISPOSTA fejn fiha gie eccepit hekk:-

1. It-talba hi nfondata fil-fatt u d-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici billi l-esponent kien agent u mhux il-persuna li rcieva d-depozitu.
2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost ghandu jigi kjamat fil-kawza s-sid tal-post.
3. Illi s-socjeta' attrici ghandha tesebixxi l-kuntratt.
4. Bl-ispejjes inkuzi dawk ghar-risposta tal-ittra ufficjali.

**Ra** li fuq talba tal-attur noe **<u>ssejjah fil-kawza</u>** Harold Caruana, u dana in segwitu ghall-eccezzjoni nru 2 tal-konvenut.

**<u>PROVI</u>**

Il-provi mressqa huma hekk:-

**A** Is-socjeta' attrici ressqet ghadd ta' dokumenti li elenku taghhom hu *a fol* 15. Jigi ndikat id-Dok B, li hu rendikont wahdu mis-socjeta' attrici, in gustifikazzjoni tal-*quantum* mitlub fl-AVVIZ; Dok C, cekk li bih is-socjeta' attrici hallset id-depozitu lill-intimat; Dok E, kuntratt ta' kera; Dok F, cekk ta' LM1650 rapprezentanti l-kera kollu, skond il-kuntratt, fl-ammont ta' LM500 + 10% fix-xahar.

**B1** **<u>Roger Degiorgio</u>** ghas-socjeta' attrici spjega li fl-2007 l-Ambaxxata Libjana talbithom isibu akkomodazzjoni ghal wiehed Libjan li kien ser jattendi l-iskola tas-socjeta' attrici stess u huwa avvicina direttament lil Simon Mamo li effettivament sabilhom appartament f'Tower Road, Sliema.

**2** Ix-xhud mbaghad ghadda biex spjega l-pagamenti li saru (fol 14/15). Mamo sostna li dwar dan huma kellhom jaraw lil Harold Caruana li f'idejh kellu l-flus. Dan, izda, dejjem sostna li l-flus huma f'idejn Mamo. Darba, fl-ufficcju tieghu saret telefonata minn Caruana lil Mamo (li tqeghdet fuq *loudspeaker*) u Mamo kien accetta li l-flus kienu ghandu. Billi x-xhud kien tqabbad mill-Ambaxxata

Libjana, hu lil din irrifondilha l-flus – dawk mitluba fl-AVVIZ.

**3** In kontro-ezami qal li l-kuntratt ta' kera (Dok E *a fol* 21) kien bejn is-socjeta' attrici u Caruana. Il-kuntratt sar fil-prezenza ta' Simon Mamo. Meta x-xhud hareg cekk fuq Simon Mamo (Dok C) hu fehem li dan izomm LM50 bhala kommissjoni u l-bqija jghaddih lil Caruana. Sewwa sew x'gara bejn dawn it-tnejn, ma jafx.

**C1** **<u>Simon Mamo</u>**, konvenut qal li xoghlu hu ta' Estate Agent u fil-kirja in kwistjoni hu agixxa bhala agent. Kien Caruana li ffirma l-kuntratt. Hu rcieva l-flus u ghaddihom lil Caruana.

**2** Meta giet terminata l-kirja kellu jithallas lura d-depozitu lis-sidien u dak mitlub hu r-rimanenti ta' Lm200. Ma jistax jifhem ghala s-socjeta' attrici qed tfittex lilu. Zied:-

*"Harold Caruana mieghi qatt ma cahad illi kellu jaghti l-flus lura". B'dan hu nforma lis-socjeta' attrici".*

**3** In kontro-ezami qal li hu kien ilu jahdem mas-socjeta' attrici xi 10 snin u l-kelma "depozitu" ghalihom kellha tifsira kazwali. Hu ma jiftakarx li Harold Caruana kellu xi telefonata li fiha kien qed jinnega li kellu dawn il-flus.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

It-TRIBUNAL jikkunsidra kif gej:-

i) Fl-ewwel lok jigi notat li l-imsejjah fil-kawza, Harold Caruana gie regolarment notifikat, kif verbalizzat fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2009 (ara wkoll riferta *a fol* 28) izda hu baqa ma kkontestax it-talba attrici. Il-kontumacja mhiex ammissjoni u xorta wahda l-pretensjoni attrici trid tigi pruvata fil-konfront tieghu.

ii) Mill-iskrittura tal-kirja (Dok E *a fol* 21, b'kopja ohra *a fol* 37 esibita bhala Dok RD minn Roger Degiorgio 2009) jidher li <u>s-sid li qed jikri hu Harold Caruana.</u> Jigifieri mhux tali ma jidhirx il-konvenut Simon Mamo *proprio* imma anqas jidher *nomine*.

iii) Hu car li Simon Mamo dahal fl-istorja biex laqqa’ n-negozju u ta’ dan thallas kummissjoni. Mamo jghid (bla ma hadd merieh) li kien ilu xi 10 snin jahdem mas-socjeta’ attrici u ma jirrizultax li hu kien jagixxi ta’ agent ghan-nom ta’ xi terz. Dana qed jinghad, avvolja d-dokument tal-kirja jitkellem ghalih wahdu u *contra scriptum* iridu jingiebu provi ghal kollox konvincenti biex b’xi mod jindebolixxi ruhu dak li hu *scriptum*. Meta, fid-dinja tan-negozju wiehed jinkoraggixxi li l-ftehimijiet ikunu bil-miktub biex jigu evitati ekwivoci, ma tistax imbaghad tqis qisu bhala inezistenti dak li hu miktub.

iv) Bhala *quantum*, jidher li s-socjeta’ attrici ssoddisfatt l-prova mehtiega u jidher li *vis-à-vis* l-imsejjah fil-kawza dehret hi, ikkuntrattat hi, u fejn jidhol l-imsejjah fil-kawza, dak li sar bejn il-Libjan li ssemma u s-socjeta’ attrici hu *inter alios acta*.

**DECIZJONI**

IT-TRIBUNAL, wara li sama lid-difensuri u, meqjus dak kollu kunsidrat minnu jiddeciedi billi (1) jilqa t-talba attrici izda biss fil-konfront tal-imsejjah fil-kawza Harold Caruana (2) jikkundanna lil Harold Caruana biex ihallas lis-socjeta’ attrici l-*quantum* mitlub ta’ erba’ mija, hamsa u sittin Euro sebgha u tmenin centezmi (€465.87) flimkien mal-ispejjes kif mitluba u bl-imghax mill-lum sal-jum tal-pagament effettiv (3) jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut billi jichad it-talba attrici fil-konfront tieghu u (4) jikkundanna lill-imsejjah fil-kawza biex ihallas l-ispejjes tal-konvenut Simon Mamo.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------